MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru 188/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Christopher Pullicino)
**vs**
**Brian Cilia**
**Anthony Grech**
**Robert Borg**
**Richmond Tong**
**Anton Agius**
**Rosario Zammit**

**Fil-konfront ta' Brian Cilia biss.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Brian Cilia ta' 24 sena bin Emmanuel u Ivy nee' Walker, imwieled Pieta' fl-14 ta' Gunju 1979 u joqghod 39, Wooden Nickill, Triq ir-Raddiena gewwa Haz-Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 299979(M).

Talli:-

Flimkien ma persuni ohrajn ikkommetta serq, mil-Bar tal-Golden Sands Hotel sitwata f'Ghajn Tuffieha, fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' April 2000, ta' diversi oggetti fosthom xorb alkoholiku, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi il-mitt lira Maltija izda mhux l-elf lira Maltin u dan sar ghad-dannu tad-dirigenti t' l-istess lukanda.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhuhom jew imexxiehom.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hamsin lira maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin, ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-istess lukanda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammetta l-ewwel u t-tielet akkuza u tenna l-ammissjoni wara li l-Qorti, fil-prezenza ta' l-avukat tieghu fissritlu x'inhi ammissjoni u xi ggieb maghha.

Issibu hati tar-reati msemmija u mhux hati tar-reat l-iehor.

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 270 u 325(b) tal-Kapitlu 9 kif wkoll l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ser tapplika l-ahhar imsemmi artiklu stante li l-akkuzat wasal biex waqqaf familja u ghandu kull interess ghalih u ghal haddiehor li jbiddel triqtu mill-gheruq.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht l-imsemmi artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn minn illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta’ din is-sentenza lill-hati u qed twissih li jekk jikkommetti reat iehor jkollha timxi mieghu mod iehor.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------